VERŻJONI ELETTRONIKA

K.L.B.L. 2/09/2018

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Bye-Laws tal-2018 dwar Armar ta' Għamara f'Fetħiet Pubbliċi (Kunsill Lokali L-Imdina (Città Nobile))

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34, 35(8) u 60 tal-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali tal-Imdina (Città Nobile) għamel dawn il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-Laws* tal-2018 dwar Armar ta' Għamara f'Fetħiet Pubbliċi (Kunsill Lokali L-Imdina (Città Nobile)).

Tifsir.

2. F'dawn il-*Bye-Laws*, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:-

"l-applikant" tfisser dik il-persuna li tapplika lill-Kunsill skont id-dispożizzjonijiet tal-*Bye-Law* 3.1;

Kap. 363.

"l-Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali;

"fetħiet pubbliċi" tfisser kull bankina pubblika fil-lokalità, u post pubbliku, inklużi l-bankini, l-pjazez, il-ġonna, u d-*ditch*;

"għamara" tfisser bankarelli u kull għamara oħra mobbli jew immobbli;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali L-Imdina (Città Nobile).

Awtorizzazzjoni għall-Armar ta' Għamara fuq Bankini.

3. Ebda persuna ma tista' tarma għamara fuq bankini fil-lokalità tal-Imdina (Città Nobile), mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-Kunsill.

3.1. Bla ħsara għal kull permess, awtorizzazzjoni, jew liċenza meħtieġa taħt xi liġi, dik l-awtorizzazzjoni tista' tingħata wara applikazzjoni li ssir lill-Kunsill għal dan il-għan bil-miktub.

Penali.

4. Kull persuna li tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws* jew xi kondizzjonijiiet tal-awtorizzazzjoni mogħtija bis-saħħa ta' dawn il-*Bye-Laws*, teħel, meta tinsab ħatja, ammenda ta' tlieta u għoxrin euro u tletin ċenteżmu (€23.30) għal dik il-kontravenzjoni.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Riserva.

5. Il-Kunsill ikollu d-dritt ineħħi kull għamara li titqiegħed mingħajr l-awtorizzazzjoni jew b'ksur ta' xi kondizzjoni mposta mill-Kunsill u dan bi spejjeż għall-persuna li tkun kisret xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws*.